Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,978, 20 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 361 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate for Graduates of Non-EU/EEA Nursing Programmes - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 369 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li jkollhom dawn li ġejjin:

(a) kwalifika fin-Nursing meqjusa xierqa mill-Bord tal-Istudji u rikonoxxuta mill-anqas fil-Livell 5 fuq il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-Qasam Ewropew tal-Kwalifiki; jew

(b) kwalifika professjonali meqjusa mis-Senat bħala komparabbli għall-kwalifika msemmija fis-sottoparagrafu (a) ta' dan l-ordinament; jew

(c) kwalifika rikonoxxuta fin-Nursing fil-Livell 4 fuq il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-Qasam Ewropew tal-Kwalifiki flimkien ma' kwalifika f'qasam relatat man-Nursing rikonoxxut fil-Livell 5 fuq il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-Qasam Ewropew tal-Kwalifiki. Tali applikanti jistgħu jintalbu jtemmu b'suċċess taqsimiet studju addizzjonali kif speċifikati fl-ordinament 8 ta' dawn l-ordinamenti.

(2) Minbarra l-kwalifiki mniżżla fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, l-applikanti jkunu meħtieġa jipprovdu evidenza li għandhom il-liċenzja biex jipprattikaw bħala infermiera kif mogħtija mill-kunsill regolatorju rilevanti tal-pajjiż minn fejn il-kwalifika riferuta għaliha fil-paragrafu (1) kienet mogħtija."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Il-Kors għandu jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS:

sakemm li l-istudenti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (c) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 jistgħu jintalbu mill-Bord tal-Istudji biex jirreġistraw u jtemmu b'suċċess taqsimiet studju addizzjonali fl-istudji tan-nursing li għalihom hemm assenjati massimu ta' 15-il krettu ECTS."